Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,512, 26 ta' Settembru, 2025
Taqsima B

A.L. 208 tal-2025

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Standards Minimi li Joffru Protezzjoni lil Annimali fil-Pet Shops

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 7(2) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Standards Minimi li Joffru Protezzjoni lil Annimali fil-Pet Shops u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Standards Minimi li Joffru Protezzjoni lil Annimali fil-Pet Shops, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 439.16.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) għandu japplika għal dawn ir-regolamenti, b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 36 tal-imsemmi Regolament.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "l-Att" għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Direttiva dwar l-Għasafar" tfisser id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi;

"Direttiva dwar l-Ħabitat" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa;";

(b) it-tifsira "id-Direttur" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

"Direttur" tfisser id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali kif imfisser fl-Att u tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija, kwalunkwe uffiċjal awtorizzat minnu, bil-miktub sabiex jaġixxi f'ismu għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet tal-Att;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Direttur" kif sostitwita, għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-Flora u l-Fawna Selvaġġi" tfisser il-ftehim internazzjonali tal-Unjoni Dinjija għall-Konservazzjoni;

"Konvenzjoni dwar Speċi Migratorji" tfisser il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta' Speċijiet Migratorji ta' Annimali Selvaġġi (Konvenzjoni ta' Bonn; CMS), trattat tal-Programm tal-Ambjent tal-Ġnus Magħquda;";

(d) fit-tifsira "*pet shop*" il-kliem "sistemi elettroniċi." għandhom jiġu sostitwiti bil kliem "sistemi elettroniċi;" u minnufih wara għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament (UE) 2017/625" tfisser ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE)

Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali).".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom jiġu sottomessi permezz tal-formola xierqa u għandhom jiġu approvati mill-kirurgu veterinarju nnominat responsabbli mill-pet shop permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub li għandha tkun iffirmata u ttimbrata u sottomessa flimkien mal-formola. Il-formola għandha tinkludi:

(a) id-dettalji tal-applikant;

(b) id-dettalji tal-pet shop;

(ċ) id-dettalji tal-impjegati responsabbli mill-kura ta' kuljum tal-annimali;

(d) id-dettalji tal-kirurgu veterinajru responsabbli mill-pet shop;

(e) id-dettalji tal-annimali;

(f) id-dettalji tal-fond:

Iżda d-Direttur jista' fi kwalunkwe ħin jitlob lill-applikant sabiex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra jew dokumenti addizzjonali meqjusa neċessarji.";

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Fil-każ li jkunu ser jiġu negozjati annimali eżotiċi, negozjant għandu japplika għand id-Direttur għal liċenzja speċifika addizzjonali permezz tal-formola xierqa. Id-Direttur jista' jwettaq spezzjoni qabel ma tingħata l-ewwel liċenzja.";

(ċ) il-paragrafu (b) tas-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Jekk jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet, id-Direttur għandu joħroġ liċenzja għall-attività:

Iżda jekk ma jiġux sodisfatti tali kondizzjonijiet, id-Direttur għandu jistipula miżuri korrettivi kif meħtieġ.";

(d) minnufih wara s-subregolament (10) tiegħu għandhom jiġu miżjuda dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(11) Kwalunkwe detentur tal-liċenzja li ma jkunx konformi mal-kondizzjonijiet tal-liċenzja li applika għaliha, għandu jkollu l-liċenzja tiegħu revokata u d-dispożizzjonijiet tar-regolament 16 għandhom ikunu applikabbli.

(12) Id-Direttur jista' jissospendi, jipprojbixxi l-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-użu tal-pet shop u b'hekk jirrevoka l-liċenzja, jirrifjuta li jġedded jew joħroġ liċenzja ġdida fid-diskrezzjoni tiegħu, jekk wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-regolament ma jiġux sodisfatti.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu l-kliem "għad-Direttur:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għad-Direttur." u l-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

(5) Id-Direttur jista' jissospendi, jipprojbixxi l-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-użu tal-pet shop u b'hekk jirrevoka l-liċenzja, jirrifjuta li jġedded jew jagħti liċenzja ġdida fid-diskrezzjoni tiegħu, jekk wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-regolament ma jiġux sodisfatti.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Reklamar tal-bejgħ ta' annimali.

5A. Id-Direttur jista' minn żmien għal żmien joħroġ linji gwida dwar id-dettalji meħtieġa li jiġu elenkati għar-reklamar tal-bejgħ ta' annimali permezz ta' komunikazzjoni minn distanza.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

7. Il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) b'deroga mill-paragrafu (a), l-għasafar imsemmija hawn taħt jistgħu jinbiegħu fi swieq miftuħa (monti) jew fit-toroq, diment li l-għasafar jinżammu fid-dell f'kull ħin, f'gaġeġ tal-istess qisien kif elenkati fl-Iskeda Ċ u sakemm it-temperatura ambjentali ma taqbiżx it-tletin grad Celsius (30°C):".

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

8. Minnufih wara r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu miżjuda r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Reati, pieni, penali amministrattivi u infurzar.

16. (1) Kwalunkwe persuna li tikser jew taġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti għandha meta tinstab ħatja, tkun ħatja ta' reat u għandha teħel il-pieni stabbiliti fl-artikolu 45 tal-Att.

(2) Fejn id-Direttur ikollu raġuni valida sabiex jemmen li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti u li jkun xieraq li tiġi imposta penali amministrattiva skont l-artikolu 47 tal-Att, id-Direttur għandu jipproċedi skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu.

(3) It-Taqsima XIII A tal-Att għandha tapplika *mutatis mutandis* għal-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.".

Dritt ta' appell.

17. Id-deċiżjonijiet meħuda skont ir-regolamenti 3(12) u 4(5) għandhom ikunu soġġetti għad-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva imwaqqaf bl-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni, li permezz tagħha l-persuna aggravata bl-imsemmija deċiżjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet li abbażi tagħhom l-imsemmija deċiżjoni tad-Direttur għandha tiġi kanċellata jew modifikata:

Kap. 490.

Iżda d-deċiżjoni għandha issir minnufih applikabbli u eżegwibbli u għandha tibqa' tapplika matul it-terminu tal-appell sakemm tingħata d-deċiżjoni finali mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, diment li tali deċiżjoni ma tiġix mibdula mill-imsemmi Tribunal u, jew mill-Qorti tal-Appell jew kanċellata jew modifikata mid-Direttur.".

Iħassar l-Iskeda A li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

9. L-Iskeda A li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

Jissostitwixxi l-Iskeda E li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

10. Skeda E li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

B 1930

"Skeda E
(regolament 8)

Speċifikazzjonijiet ta' Magħlaq għal Klieb

(1) L-ebda kelb ma jista' jiġi ristrett fi kwalunkwe ħin li jikkawżalu tbatija jew dannu bla bżonn. Kull annimal għandu jingħata l-ispazju xieraq għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tiegħu skont l-esperjenza stabbilita u l-għarfien xjentifiku.

(2) L-art għandha tinbena b'tali mod li titnaddaf faċilment filwaqt li tipprovdi qabda biżżejjed sabiex l-annimal jimxi mingħajr ma jsostni kwalunkwe dannu.

(3) Il-materjali li għandhom jintużaw għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjonijiet, speċjalment li jiġu f'kuntatt dirett, ma għandhomx ikunu ta' ħsara għall-annimali u għandhom ikunu jistgħu jiġu mnaddfa u diżinfettanti sew.

(4) Għandu jiġi pprovdut friex komdu adattat. Il-friex għandu jinżamm f'kondizzjoni nadifa, ħielsa mill-parassiti u niexfa.

(5) It-temperatura taż-żoni tal-irqad ma għandhiex tkun taħt l-għaxar gradi Celsius (10°C) jew taqbeż it-tletin grad Celsius (30°C). Apparat sabiex tinqara t-temperatura fi kwalunkwe ħin għandha tiġi pprovduta f'kull magħlaq. Meta t-temperaturi x'aktarx jinżlu taħt jew jogħlew 'il fuq mil-livelli indikati, għandhom jiġu pprovduti xi mezzi ta' tisħin u, jew tkessiħ rispettivament.

(6) Il-klieb ma għandhomx jinżammu fi dlam permanenti jew mingħajr perjodu xieraq ta' mistrieħ mid-dawl artifiċjali. Fejn id-dawl naturali ma jkunx biżżejjed sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tal-klieb, għandu jiġi pprovdut dawl artifiċjali xieraq.

(7) Il-klieb għandhom jingħataw soċjalizzazzjoni xierqa u kuntatt uman sabiex jistabbilixxu karattru bbilanċjat sew.

(8) Il-klieb li jkunu qegħdin juru sinjali ta' maturità sesswali, għandhom jiġu separati mis-sess oppost.

(9) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-ispazju minimu applikabbli għal kull kelb għandu jkun kif elenkat fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb.

L.S. 439.21.

(10) Magħlaq tal-klieb għandu jkun provdut b'żona tal-eżerċizzju. Il-klieb għandhom jitħallew jużaw iż-żona tal-eżerċizzju b'mod ħieles, ħlief bil-lejl.

(11) L-ispazju liberu mingħajr xkiel għal kull kelb fiż-żona tal-eżerċizzju għandu jkun:

(a) għal klieb b'għoli ta' spalla sa sittin ċentimetru (60ċm), ta' tnejn punt erbgħa sitta metri kwadri (2.46m^2) ta' spazju fuq l-art u l-għoli tal-magħlaq għandu jkun tal-inqas żewġ metri (2m); u

(b) għal klieb b'għoli ta' spalla ta' aktar minn sittin ċentimetru (60ċm), ta' tlieta punt tlieta erbgħa metri kwadri (3.34m^2) ta' spazju fuq l-art u l-għoli tal-magħlaq għandu jkun tal-inqas żewġ metri (2m).

(12) Iż-żona tal-eżerċizzju ma għandhiex tintuża bħala żona tal-irqad.

(13) Żoni tal-eżerċizzju fuq barra għandhom ikunu msaqqfa tal-inqas sa nofs il-wiċċ tal-art.

(14) Il-paviment taż-żona tal-irqad, żona tal-eżerċizzju u ta' magħlaq ta' iżolament, ma għandhomx ikunu weqfin u huwa rakkomandat li jkun hemm qlib ta' wieħed (1) fi tmenin (80) għal drenaġġ baxx jew għal kanal ta' drenaġġ fond li jkun mgħotti sew.

(15) Il-ħitan diviżorji bejn kull magħlaq tal-klieb għandhom ikunu magħmulin minn kostruzzjoni solida sa għoli minimu ta' wieħed punt tnejn metri (1.2m).".

Ħassar l-Iskeda F li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

11. L-Iskeda F li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

Emenda konsegwenzjali. Kap. 490.

12. Fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, minnufih wara l-aħħar partita tal-leġiżlazzjoni sussidjarja għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Regolamenti dwar Standards Minimi li Joffru Protezzjoni lil Annimali fil-Pet Shops, L.S. 439.16, Kompetenza Inferjuri".